## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2016

Appell Nru: 150/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Silvio Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Silvio Zammit, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 454164M,, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' JS Productions Limited (C40060) u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fit-8 ta' Dicembru, 2011 gewwa Circo Orfei – il-Furjana, provda jew offra li

jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali, jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 tal-istess att.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Marzu, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 55, 77(o) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' tmien mitt ewro (€800).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Silvio Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' April, 2014, fejn talab lil din il-Qorti **tirrevoka** is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet il-provi:

Ikkunisdrat:

Illi minn ezami tal-atti processwali u l-provi mismugha minn din il-Qorti jemergi illi fil-gurnata u hin indikati fl-akkuza, spetturi tad-Dipartiment tal-VAT kienu qieghdin jghamlu spezzjoni fic-Circo Orfei gewwa il-Furjana u

hemm innutaw li kien qed isir bejgh lill-pubbliku mill-bar minghajr ma kienu qed jinhargu ricevuti kif ukoll li ma kienx hemm *cash register* jew librett ta' ricevuti fiskali manwali fuq il-post. Il-bejgh kien qieghed isir minn certu Oreste Gravagna li jidher li kien responsabbli mill-bar. Precedentement ghal dan l-ispetturi kienu nnutaw li kollox kien skond il-ligi fir-rigward tal-bejgh tal-biljetti tal-entratura ghac-cirku. Jemergi ukoll illi l-appellant huwa direttur tas-socjeta' JS Productions u skond kif xehed, din is-socjeta', bhal drabi ohra, hadet hsieb li ggib ic-cirku f'Malta u bi ftehim mal-istess cirku, JS Productions tiehu sehem mir-rikavat tal-bejgh tal-biljetti tal-entratura filwaqt illi l-introjtu mill-bejgh *inter alia* mill-bar imur ghand Circo Orfei u dan skond il-klawsola numru 2 tal-parti intestata Condizioni Generali fil-kuntratt bejn JS Productions u Oreste Gravagna datat 27.3.2011 esebit a fol 18 sa 20 fl-atti processwali;

L-appellant ihossu aggravat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti ghaliex hu tal-fehma li din ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u interpretat hazin il-ligi. Fl-argumenti tieghu, l-appellant jghid illi l-operat tal-bar kien fir-responsabilita' ta' Oreste Gravagna biss u mhux fir-responsabilita' tieghu u in sostenn ta' dan oltre li jiccita mill-fuq imsemmi kuntratt jghid illi la darba ma kellu ebda interess fl-introjtu mill-bar lanqas ma ha xi forma ta' prekawzjoni biex jara verament x'kien qed jinbiegh bhalma ghamel fir-rigward tal-biljetti tal-entratura. John Said, direttur tas-socjeta' u appellant fil-kawza li instemghet flimkien ma' dan l-appell, xehed illi mhux minnu li wara l-akkadut kien provda *cash register* bin-numru ta' registrazzjoni ta' JS Productions sabiex l-operat jibqa' ghaddej. Minkejja dan, fir-rikors tal-appell tieghu huwa jghid hekk: "*Illi waqt l-ispezzjoni li saret l-appellanti qatt ma assuma r-responsabbilita' ghal operat tal-bar u fil-fatt l-unika involviment li kien hemm da parti tieghu kien li sussegwentement wara li kienet saret l-ispezzjoni, kien pprovda cash register sabiex jevita milli l-ispetturi jiehdu azzjoni aktar drastika kontra l-istess Oreste Gravagna*". Issa, skond l-istess ftehim esebit u li dwaru l-Ewwel Qorti

uriet rizervi dwar l-awtenticita propria, is-socjeta' JS Productions kellha diversi obbligi fosthom li tottjeni l-art ghall-ezercitu tac-cirku, thallas ghall-uzu tal-istess, tottjeni l-permessi kollha inkluzi tax-xoghol kompriz l-ottentiment ta' servizz adegwat tal-Pulizija u jottjeni u jhallas ghall-ispejjez kollha tal-konsum ta' dawl. Minn dan kollu jidher illi s-socjeta' JS Productions, ghad li ma kienitx is-sid tac-cirku, kellha f'idejha t-tmexxija tieghu b'mod allura li kellha tuza d-diligenza kollha taghha sabiex tara li ma jsehhux l-infrazzjonijiet mertu ta' dan l-appell.

Illi ghalhekk l-apprezzament, ir-ragunament u l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti kienu korretti u ma hemm xejn li jista' b'xi mod jindika li l-Ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza qed tkun ikkonfermata fl-intier taghha.